# TRASPORT BIT-TRIQ: ARMONIZZAZZJONI TAL-LEĠIŻLAZZJONI

Il-ħolqien ta' suq uniku Ewropew tat-trasport bit-triq huwa impossibbli mingħajr l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali rilevanti fis-seħħ fl-Istati Membri. Il-miżuri adottati mill-UE huma ta' natura fiskali, teknika, amministrattiva u soċjali.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA U L-OBJETTIVI

It-Titolu VI tat-Trattat ta' Lisbona, b'mod partikolari l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Politika komuni tat-trasport bit-triq li tissalvagwardja kundizzjonijiet ġusti ta' kompetizzjoni u tiggarantixxi l-libertà fl-għoti tas-servizzi, titlob l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali rilevanti fis-seħħ fl-Istati Membri. Din ma tapplikax biss għat-tassazzjoni (il-VAT, taxxi fuq il-vetturi bil-mutur, taxxi fuq il-fjuwil) u l-għajnuna mill-Istat, imma wkoll għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi (dimensjonijiet u piżijiet massimi awtorizzati), għad-dispożizzjonijiet soċjali u għall-miżuri għall-ħarsien tal-ambjent.

## IR-RIŻULTATI

**A.** L-armonizzazzjoni fiskali u teknika.

**1.** Is-sistema ta' dazju tas-sisa u t-tariffi tal-infrastruttura

Fit-8 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat pakkett ta' inizjattivi dwar trasport ekoloġiku ("Nagħmlu t-Trasport Aktar Ekoloġiku"), li pprovda mudell trasparenti u applikabbli b'mod ġenerali għall-kalkolu tal-ispejjeż esterni kollha, inkluż l-ispejjeż relatati mal-ambjent, l-istorbju, il-konġestjoni u s-saħħa. Dan il-mudell serva ta' bażi għall-kalkoli ta' tariffi fuq l-użu tal-infrastruttura fil-kuntest tar-reviżjoni tad-Direttiva 1999/62/KE tas-17 ta' Ġunju 1999 (magħrufa wkoll bħala d-Direttiva "Eurovignette") u kien jinkludi strateġija biex ikun applikat gradwalment dan il-mudell għall-mezzi kollha tat-trasport.

Id-Direttiva "Eurovignette" tibqa' l-punt ta' referenza fir-rigward ta' ħlasijiet ta' tariffi fuq l-użu tal-infrastruttura għall-impriżi tat-trasport. Din ġiet emendata mid-Direttiva 2006/38/KE tas-17 ta' Mejju 2006 u d-Direttiva 2011/76/UE tas-27 ta' Settembru 2011. Id-Direttiva "Eurovignette" hija bbażata fuq il-prinċipju "min iniġġes, iħallas" u fuq l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tat-trasport bit-triq. Hija għandha l-għan li tiżgura li l-ispejjeż li jġib miegħu l-użu ta' infrastrutturi minn vetturi tqal tal-merkanzija jiġu riflessi fit-tariffi.

Bħala parti mill-aġenda leġiżlattiva "L-Ewropa Attiva" tal-Kummissjoni, ippubblikata fil-31 ta' Mejju 2017, iż-żewġ proposti l-ġodda għall-emenda tad-Direttiva "Eurovignette" huma issa mressqa: proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (taħt il-proċedura leġiżlattiva ordinarja — COD (COM(2017)0275)) proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi, fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar it-tassazzjoni fuq il-vetturi (taħt il-proċedura ta' konsultazzjoni — CNS (COM(2017)0276)).

Punt ieħor inkluż ukoll fl-aġenda leġiżlattiva 2017 "L-Ewropa Attiva" huwa proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabbiltà tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ stradali u li tiffaċilita l-iskambju transfruntier ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' tariffi stradali fl-Unjoni (COM(2017)0280). Wara t-tlestija tal-proċedura ta' kodeċiżjoni, il-proposta ġiet approvata u sussegwentement ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea bħala Direttiva 2019/520/EU.

## 2. Standards ta' rendiment għall-emissjonijiet

Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 u r-Regolament (UE) Nru 510/2011 jistabbilixxu standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief bħala parti mill-approċċ integrat biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$. Dawn ir-regolamenti ġew emendati mir-Regolament (UE) Nru 333/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 443/2009 bl-għan li jiġu ddefiniti l-modalitajiet biex tintlaħaq il-mira għall-2020 li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn karozzi ġodda tal-passiġġieri u mir-Regolament (UE) Nru 253/2014 tas-26 ta' Frar 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 510/2011 bl-għan li jiġu ddefiniti l-modalitajiet biex tintlaħaq il-mira għall-2020 li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda.

Proposta ġdida dwar l-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri u għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda (COM(2017)0676) li temenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 (riformulazzjoni) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 (2007/0297(COD)) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 (2009/0173(COD)) għandha l-għan li tistabbilixxi miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2025 u l-2030. Il-proċess ta' kodeċiżjoni issa spiċċa u l-att ġie approvat. Hija qed tistenna li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea 2017/0293(COD).

## 3. Id-dimensjonijiet u l-piżijiet massimi awtorizzati

Id-Direttiva 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi d-dimensjonijiet u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali hija t-test ta' referenza użat biex jistabbilixxi d-dimensjonijiet massimi għall-vetturi tqal tal-merkanzija li jiċċirkolaw bejn l-Istati Membri. Madankollu, l-Artikolu 4 tad-direttiva jagħti xi derogi nazzjonali: L-Istati Membri jistgħu jippermetti vetturi li jaqbżu l-limiti msemmija fl-anness tad-direttiva (18.75 m u 40 t), għal operazzjonijiet tat-trasport li jitqiesu li ma jaffettwawx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni internazzjonali fis-settur tat-trasport (pereżempju l-operazzjonijiet relatati mal-qtugħ tas-siġar u l-industrija tal-foresti). L-Istati Membri jridu jinfurmaw lill-Kummissjoni rigward il-miżuri meħuda, li mbagħad toħroġ id-derogi.

Din id-direttiva ġiet ikkompletata u emendata mid-Direttiva 97/27/KE tat-22 ta' Lulju 1997 (li mbagħad ġiet irrevokata mir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tat-13 ta' Lulju 2009) u d-Direttiva 2002/7/KE tat-18 ta' Frar 2002, li kellhom l-għan li jarmonizzaw id-dimensjonijiet massimi tax-xarabanks biex jippermettu ċ-ċirkolazzjoni libera fl-UE u, b'mod partikolari, biex jiżguraw li l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ fil-qasam tat-trasport tal-passiġġieri jiffunzjonaw b'mod effiċjenti.

Id-Direttiva (UE) 2015/719 tad-29 ta' April 2015 emendat id-Direttiva 96/53/KE u stabbiliet, għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fil-Komunità, id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali.

Reċentement, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2018)0275) li temenda d-Direttiva 96/53/KE fir-rigward tal-limitu ta' żmien għall-implimentazzjoni tar-regoli speċjali rigward it-tul massimu fil-każ ta' kabini li joffru prestazzjoni ajrudinamika, effiċjenza enerġetika u prestazzjoni tas-sikurezza mtejba. F'Marzu 2019, il-Parlament adotta pożizzjoni fl-ewwel qari u l-proċess ta' kodeċiżjoni għadu għaddej 2018/0130(COD)

**B.** L-armonizzazzjoni amministrattiva

**1.** Obbligi legali għax-xufiera

Id-Direttiva 91/439/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 dwar il-liċenzji tas-sewqan armonizzat il-format tal-liċenzji u l-klassijiet tal-vetturi, introduċiet il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u stabbiliet ir-rekwiżiti bażiċi fil-qasam tas-saħħa u l-kompetenza. Id-Direttiva 96/47/KE tat-23 ta' Lulju 1996 ipprevediet format alternattiv tal-liċenzji tas-sewqan, f'forma ta' karta ta' kreditu. It-tielet direttiva dwar il-liċenzji tas-sewqan (id-Direttiva 2006/126/KE tal-20 ta' Diċembru 2006, li tħassar id-Direttiva 91/439/KEE) tagħmel dan il-format ta' karta ta' kreditu obbligatorju għal-liċenzji kollha maħruġa fl-UE mid-19 ta' Jannar 2013 'il quddiem. Barra minn hekk, il-liċenzji tas-sewqan kollha eżistenti stampati fuq karta, li jinsabu fiċ-ċirkolazzjoni, iridu jinqalbu għal dan il-format il-ġdid tal-karta tal-plastik, f'każ li jkunu se jiġġeddu jew sa mhux aktar tard mill-2033. Il-liċenzji tas-sewqan il-ġodda se jkollhom perjodu fiss ta' validità (minn 10 snin sa 15-il sena għall-muturi u l-karozzi, skont il-pajjiż, u ta' 5 snin għat-trakkijiet u x-xarabanks) u se jkunu validi madwar l-UE kollha. L-armonizzazzjoni prevista għandha tissodisfa l-objettivi li ġejjin: tiġġieled il-frodi, tnaqqas it-turiżmu tal-liċenzji tas-sewqan, tiggarantixxi ċ-ċirkolazzjoni libera u ttejjeb is-sikurezza fit-toroq.

Fl-1 ta' Frar 2017, il-Kummissjoni ppubblikat proposta għal Direttiva (UE) 2018/645 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/59/KE dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri u d-Direttiva 2006/126/KE dwar il-liċenzji tas-sewqan (COM(2017)0047). Id-Direttiva kienet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali fit-2 ta' Mejju 2018.

Mill-4 ta' Diċembru 2011, l-attestazzjoni tax-xufier kienet irregolata permezz tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija. Din il-leġiżlazzjoni tissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 484/2002 li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 881/92 u (KEE) Nru 3118/93. L-attestazzjoni tax-xufier hija dokument

uniformi li jiċċertifika li s-sewwieq ta' vettura li jwettaq operazzjonijiet ta' trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-Istati Membri jkun jew użat legalment minn operatur tat-trasport tal-UE kkonċernat fl-Istat Membru li fih l-operatur huwa stabbilit, jew imqiegħed legalment għad-dispożizzjoni ta' dak l-operatur.

**2.** Ir-reġistrazzjoni tal-vetturi

Id-Direttiva 1999/37/KE tal-Kunsill tad-29 ta' April 1999 (emendata mid-Direttiva 2003/127/KE u wkoll mid-Direttiva 2014/46/UE, inklużi fil-Pakkett tal-Affidabbiltà Stradali) tarmonizza d-dokumenti ta' reġistrazzjoni għal vetturi u tissimplifika l-kontrolli tal-proprjetà u t-trasferiment bejn ċittadini ta' żewġ Stati Membri differenti. Ir-Regolament (KE) Nru 2411/98 tat-3 ta' Novembru 1998 (dwar kif jingħaraf fit-traffiku inter-Komunitarju s-sinjal distintiv tal-Istat Membru li fih ikunu rreġistrati l-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom) jintroduċi l-obbligu tat-twaħħil tal-bandiera Ewropea li tkun retroriflettiva fuq il-pjanċa u s-sinjal distintiv tal-Istat Membru li jrid jitwaħħal fit-tarf fuq ix-xellug tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni.

**C.** Armonizzazzjoni soċjali dwar il-ħin tax-xogħol, il-ħin ta' sewqan u l-perijodi ta' mistrieħ

Is-settur tat-trasport ma kienx inkluż fid-Direttiva 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993 dwar xi aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. Id-Direttiva 2002/15/KE tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq, hija intiża biex tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, li permezz tagħhom għandhom jitjiebu s-saħħa u s-sikurezza tax-xufiera. Skont id-Direttiva, il-medja tas-sigħat tax-xogħol fil-ġimgħa tammonta għal 48 siegħa. Din tista' titla' sa 60 siegħa, dment li l-medja kkalkolata f'ġimgħa għal perjodu ta' erba' xhur ma taqbiżx it-48 siegħa. Ir-regoli dwar it-tul massimu ta' sewqan kuljum u ta' kull ġimgħa, il-waqfien u t-tul minimu tal-mistrieħ huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-15 ta' Marzu 2006, li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 3820/85 tal-20 ta' Diċembru 1985. Ir-regolament japplika għax-xufiera li jwettqu t-trasport ta' merkanzija (vetturi li jaqbżu t-3.5 tunnellati) jew passiġġieri (vetturi li jġorru aktar minn 9 persuni). Huwa introduċa wkoll waqfien aktar frekwenti u tejjeb u ssimplifika l-miżuri ta' kontroll u ta' sanzjoni. Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 emenda wkoll ir-Regolament (KEE) Nru 3821/85 tal-20 ta' Diċembru 1985 u għamel obbligatorju t-takografu diġitali. Minħabba l-fatt li dan ma jistax jitbagħbas, it-takografu jiffaċilita l-kxif ta' ksur tal-leġiżlazzjoni soċjali tal-UE. Id-Direttiva 2006/22/KE tal-15 ta' Marzu 2006 tistabbilixxi l-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-regolamenti ta' hawn fuq u tistabbilixxi n-numru minimu ta' kontrolli (fl-2010, mill-inqas 3 % tal-ġranet tax-xogħol tax-xufiera) li l-Istati Membri huma meħtieġa jwettqu sabiex jivverifikaw ir-rispett tal-ħin tas-sewqan, tal-waqfien u tal-perjodi ta' mistrieħ. Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 huwa marbut ukoll mar-Regolament (UE) Nru 165/2014 li jirregola r-rekwiżiti għal takografi. It-tibdil minn takografi analogi għal takografi diġitali kien mistenni li jwassal progressivament biex volum ikbar ta' data jiġi kkontrollat b'aktar ħeffa u b'aktar preċiżjoni u b'hekk jagħmilha aktar faċli għall-Istati Membri li jwettqu aktar kontrolli. Ir-Regolament (KE) 1073/2009 tal-21 ta' Ottubru 2009, bħala parti mill-pakkett tat-trasport bit-triq 2009, emenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 biex jerġa' jintroduċi "r-regola ta' 12-il ġurnata" li tagħti lix-xufiera tal-kowċis li jkunu qed jipprovdu servizz ta' passiġġier uniku okkażjonali, il-possibbiltà li jaħdmu sa 12-il

ġurnata konsekuttivi (minflok massimu ta' sitt ijiem) bil-kundizzjoni li dan ikun servizz ta' trasport internazzjonali okkażjonali li jinkludi mill-inqas perjodu ta' waqfa ta' 24 siegħa. Id-deroga għandha tiġi permessa biss abbażi ta' kundizzjonijiet stretti li jiżguraw is-sikurezza fit-toroq u li jeħtieġu lix-xufiera li jieħdu perjodi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa minnufih qabel u wara dan is-servizz. Mill-1 ta' Jannar 2014 'il quddiem se jiżdiedu kundizzjonijiet oħra: il-vettura għandha tkun mgħammra b'takografu diġitali u, f'każ ta' sewqan bejn l-għaxra ta' filgħaxija u s-sitta ta' filgħodu, jew il-perjodu kontinwu tal-istess xufier jitnaqqas għal tliet sigħat, jew inkella jkun hemm diversi xufiera abbord il-vettura. Il-leġiżlazzjoni dwar it-trasport bit-triq, bħad-Direttiva 2002/15/KE u d-Direttiva 2006/22/KE jikkomplementaw ir-Regolament (KE) Nru 561/2006, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħin tax-xogħol u l-infurzar.

Fil-31 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni ressqet il-pakkett leġiżlattiv tagħha "L-Ewropa Attiva", li jinkludi proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward tar-rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan ta' kuljum u fil-ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u fil-ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi (COM(2017)0277). Bħala parti mill-pakkett tagħha tal-2017 "L-Ewropa Attiva", il-Kummissjoni ressqet ukoll proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/22/KE rigward rekwiżiti tal-infurzar u li tistabbilixxi regoli speċifiċi fir-rigward tad-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar ta' xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq (COM(2017)0278). F'April 2019, il-Parlament adotta deċiżjoni fl-ewwel qari dwar iż-żewġ proposti u l-proċess ta' kodeċiżjoni għadu għaddej.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament uża s-setgħat leġiżlattivi tiegħu biex jappoġġa, fil-prinċipju, il-maġġoranza tal-proposti tal-Kummissjoni għall-armonizzazzjoni, filwaqt li fl-istess ħin enfasizza wkoll ċerti aspetti li jagħtihom importanza partikolari. Meta twettqet l-aħħar reviżjoni tad-"Direttiva Eurovignette", il-Parlament saħaq fuq l-importanza tal-aspetti ambjentali, bir-riżultat li mit-tieni nofs tal-2013 il-prezzijiet tal-pedaġġi jistgħu jinkludu l-ispejjeż tat-tniġġis akustiku u dik tal-arja. Dan ir-riżultat, li l-Parlament qies bħala l-minimu tal-minimu meħtieġ sabiex jiġi applikat il-prinċipju ta' "min iniġġes, iħallas", intlaħaq bis-saħħa tad-determinazzjoni soda tal-Kumitat TRAN. Fir-riżoluzzjoni tal-15 ta' Marzu 2017 tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-Kummissjoni tal-pjan rivedut tal-Ġermanja biex tintroduċi pedaġġ stradali, il-Parlament indika li bħalissa għaddejja proċedura ta' ksur kontra l-Ġermanja, li tindirizza d-diskriminazzjoni indiretta abbażi tan-nazzjonalità, li tikser id-dritt tal-Unjoni u tikser il-prinċipji fundamentali tat-Trattati.

Fir-riżoluzzjoni tad-9 ta' Settembru 2015 tiegħu dwar "L-implimentazzjoni tal-White Paper dwar it-Trasport tal-2011: it-teħid tal-kont u t-triq 'il quddiem lejn mobbiltà sostenibbli", il-Parlament stieden lill-Kummissjoni biex tipproponi miżuri leġiżlattivi addizzjonali f'ċerti oqsma msemmija aktar 'il fuq. B'mod partikolari talab għar-reviżjoni tat-tielet Direttiva dwar il-Liċenzja tas-Sewqan (id-Direttiva 2006/126/KE) sabiex jissaħħu r-rekwiżiti għall-ħruġ ta' liċenzji tas-sewqan u għat-taħriġ tax-xufiera, u rieżami tad-Direttiva (UE) 2015/719 tad-29 ta' April 2015, li temenda d-Direttiva 96/53/

KE, dwar id-dimensjonijiet u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u/jew internazzjonali.

Minkejja l-kisba ta' kontrolli aktar riġidi tal-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ, il-Parlament konsistentement appella għal armonizzazzjoni soċjali effettiva fil-livell tal-UE. Għal dan il-għan, il-Parlament stieden lill-Kummissjoni biex, qabel tmiem l-2013, tirrevedi l-qafas regolatorju li jirregola l-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ fit-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri u ttejjeb l-armonizzazzjoni tal-applikazzjoni u l-kontroll tar-regoli. Ir-rapport dwar l-Istat tas-Suq tat-Trasport bit-Triq tal-Unjoni (COM(2014)0222), adottat fl-14 ta' April 2014, janalizza l-iżvilupp tas-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u jiddeskrivi d-dimensjoni soċjali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

Fis-16 ta' Ottubru 2017, saret seduta konġunta pubblika mill-Kumitati TRAN u EMPL fil-Parlament dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema mobbli fit-trasport. Barra minn hekk, id-Dipartiment Tematiku tal-Parlament għall-Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni ppubblika studju intitolat "Riċerka għall-Kumitat TRAN — it-Trasportaturi tat-Trasport bit-Triq fl-UE:Kundizzjonijiet Soċjali u tax-Xogħol", li jaġġorna studju mwettaq fl-2013. Huwa janalizza l-leġiżlazzjoni soċjali applikabbli għax-xufiera professjonali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-istess xufiera li jkunu attivi fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq. Dan jiffoka fuq il-kwistjonijiet soċjali fundamentali li jitqajmu f'dan is-segment tat-trasport, inklużi l-ħinijiet tas-sewqan, il-perjodi ta' mistrieħ kif ukoll aspetti prattiċi li jkollhom impatt dirett fuq il-kwalità tal-ħajja tax-xufiera, bħalma huma l-iskemi ta' impjieg u l-livelli ta' dħul.

Esteban Coito
04/2019